REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/356

tal-4 ta' Marzu 2020

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tal-polisorbati (E 432–436) fix-xarbiet karbonizzati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Din il-lista tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.

(3) Skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, it-tristearat tal-poliossietilen sorbitan (il-polisorbat 65) (E 436) attwalment huwa awtorizzat biex jintuża bħala addittiv tal-ikel tal-grupp "polisorbati" (E 432-436) f'diversità kbira ta' oġġetti tal-ikel b'livelli massimi li jvarjaw bejn 500 u 10 000 mg/kg u *quantum satis* fis-supplimenti tal-ikel.

(4) Fl-4 ta' Lulju 2018, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-polisorbat 65 (E 436) bħala aġent kontra r-ragħwa f'diversi tipi ta' xarbiet. Wara dan, l-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.

(5) Mill-applikazzjoni jirriżulta li l-użu propost tal-polisorbat 65 (E 436) huwa meħtieġ fil-livell massimu ta' 10 mg/kg għall-konteniment u t-trażżin tar-ragħwa waqt il-manifattura tax-xarbiet karbonizzati billi jifforma saff madwar il-bżieżaq tar-ragħwa u jistabbilizza l-bżieżaq il-kbar billi ma jħallihomx jingħaqdu flimkien u jinfaqgħu. L-applikazzjoni turi li huwa meħtieġ it-trażżin tar-ragħwa biex it-tagħmir tal-produzzjoni jkun jista' jitħaddem b'mod effiċjenti, biex jitnaqqas l-iskart tal-prodott, biex il-post tax-xogħol jibqa' sikur, u biex il-faċilitajiet jinżammu fi stat nadif u iġjeniku.

(6) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni trid titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") biex taġġorna l-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, għajr meta l-aġġornament inkwistjoni x'aktarx ma jkollux effett fuq is-saħħa tal-bniedem.

(7) Is-sikurezza tal-polisorbati (E 432-436) użati bħala addittivi tal-ikel ġiet evalwata mill-ġdid mill-Awtorità fl-2015 ([3]). L-Awtorità kkonkludiet li l-istimi tal-esponiment ma kinux jaqbżu l-konsum aċċettabbli ta' kuljum (ADI) ta' 25 mg/kg skont il-piż tal-ġisem/kull jum fil-każ tal-prodott raffinat mhux abbinat ma' isem kummerċjali għall-etajiet kollha, kemm fil-livell medju tal-esponiment, kif ukoll fil-livell għoli; iżda għat-trabi li jkunu għadhom kif telqu jimxu, fl-ogħla livell kienu javviċinaw ħafna l-konsum aċċettabbli ta' kuljum. L-Awtorità osservat li hi meħtieġa aktar *data* biex jitnaqqsu l-inċertezzi għall-valutazzjoni tax-xenarju tal-esponiment għall-prodott raffinat, billi ma kinux inkisbu rapporti fuq l-użu għal tliet kategoriji tal-ikel, u li sorsi dietetiċi oħrajn ta' esponiment għall-polisorbati ma setgħux jitqiesu fl-opinjoni.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

([3]) *EFSA Journal* 2015; 13(7):4152.

(8) Fl-applikazzjoni, l-applikant kien għamel stima tal-esponiment billi uża l-Mudell tal-Konsum tal-Addittivi tal-Ikel ([4]) żviluppat mill-Awtorità. L-istimi li ngħataw jindikaw li l-esponiment addizzjonali li jikkawża l-użu estiż huwa negliġibbli (inqas minn 1 % tal-konsum aċċettabbli ta' kuljum).

(9) L-użu estiż tal-polisorbat 65 (E 436) fil-livell massimu ta' 10 mg/kg fil-kategoriji tal-ikel 14.1.4 "Xarbiet mogħtija t-togħma", 14.2.3 "Sajder u perri", 14.2.4 "Inbid tal-frott u nbid magħmul" u 14.2.8 "Xarbiet alkoħoliċi oħra inkluż taħlit ta' xarbiet alkoħoliċi ma' xarbiet mhux alkoħoliċi u spirti b'inqas minn 15 % ta' alkoħol" fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jeħtieġ aġġornament tal-lista tal-Unjoni li mhuwiex probabbli li jkollu effett fuq is-saħħa tal-bniedem, billi l-impatt tiegħu fuq l-esponiment globali għall-polisorbati (E 432-436) huwa negliġibbli. Għaldaqstant, ma hemmx bżonn tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.

(10) F'ġieħ il-konsistenza, jixraq li jiġi indirizzat l-użu mitlub tal-(polisorbat 65) (E 436) billi jiġi awtorizzat il-grupp tal-polisorbati (E 432-436) fil-kategoriji tal-ikel rispettivi.

(11) Għaldaqstant jixraq li jkun awtorizzat l-użu tal-polisorbati (E 432-436) fil-livell massimu ta' 10 mg/kg fil-kategoriji tal-ikel 14.1.4 "Xarbiet mogħtija t-togħma", 14.2.3 "Sajder u perri", 14.2.4 "Inbid tal-frott u nbid magħmul" u 14.2.8 "Xarbiet alkoħoliċi oħra inkluż taħlit ta' xarbiet alkoħoliċi ma' xarbiet mhux alkoħoliċi u spirti b'inqas minn 15 % ta' alkoħol".

(12) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jiġi emendat skont dan.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([4]) http://www.efsa.europa.eu/en/applications/foodingredients/tools

ANNESS

Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 hija emendata kif ġej:

(1) fil-kategorija tal-ikel 14.1.4 “Xarbiet mogħtija t-togħma”, tiddaħħal l-entrata l-ġdida li ġejja għall-polisorbati (E 432-436) taħt l-entrata tal-emiċelluloża tas-sojja (E 426):

	“E 432-436	Polisorbati	10	(1)	xarbiet karbonizzati biss”

(2) fil-kategorija tal-ikel 14.2.3 “Sajder u perri”, tiddaħħal l-entrata l-ġdida li ġejja għall-polisorbati (E 432-436) taħt l-entrata tal-propan-1, 2-diol alġinat (E 405):

	“E 432-436	Polisorbati	10	(1)	xarbiet karbonizzati biss”

(3) fil-kategorija tal-ikel 14.2.4 “Inbid tal-frott u nbid magħmul”, tiddaħħal l-entrata l-ġdida li ġejja għall-polisorbati (E 432-436) taħt l-entrata tal-aċidu metatartariku (E 353):

	“E 432-436	Polisorbati	10	(1)	xarbiet karbonizzati biss”

(4) fil-kategorija tal-ikel 14.2.8 “Xarbiet alkoħoliċi oħra inkluż taħlit ta’ xarbiet alkoħoliċi ma’ xarbiet mhux alkoħoliċi u spirti b’inqas minn 15 % ta’ alkoħol”, tiddaħħal l-entrata l-ġdida li ġejja għall-polisorbati (E 432-436) taħt l-entrata tal-propan-1, 2-diol alġinat (E 405):

	“E 432-436	Polisorbati	10	(1)	xarbiet karbonizzati biss”